MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Talba Numru. 2369/2002

**Louis u Maria Assunta Sammut**

**vs**

**Carmelo sive Charles Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm921.45) rapprezentanti valur ta' hsarat kagunati fil-propjeta' tal-atturi f'151, Triq il-Pont, Mosta u l-ghamara ta' gewwa fiha li ghaliha l-konvenut instab responsabbli u dan in forza ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Lulju 2001 fil-kawza fl-ismiijiet premessi u bin-numru 513/95DS.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Ottubru 2001 u bl-imghaxijieet mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament.
L-atturi rrizervaw fil-konfront tal-konvenut id-dritt ta’ kull azzjoni ulterjuri lilhom spettanti u naxxxenti mill-imsemmija sentenza tal-11 ta’ Lulju 2001.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Preliminarjament ir-res gudiata.
Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess jintqal li l-ammont pretiz m’huwiex dovut peress illi fl-ewwel lok is-somma, ossia l-valur tal-hsarat imsemmija fis-sentenz tal-Prim’Aawla huma ferm inferjuri u fit-tieni lok il-konvenut kien gja kkundannat jirrimedja l-hsarat taht is-supervizjoni tal-Perit Wenzu Gatt , fatt li llum ghadu ma sehhx minhabba nuqqasijiet mhux imputabbli lill-konvenut.
B’riserva ta’ risposta ulterjuuri u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ikkubsidra:

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu l-attur qed jeccepixxi ir-‘res gudicata’ stante li jirritjeni li l-mertu tal-kawza odjerna diga’ gie deteerminat u deciz mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili b’sentenza tal-11 ta’ Lulju 2001 f’kawza fl-istess ismijet tal-kawza odjerna (Citazzjoni Numru 513/95DS). Kopja ta’ din is-sentenza tinsab esebita a fol. 15 et seq. tal-process. Mill-Avviz tat-Talba fil-kawza odjerna jirrizulta li l-attrici tirrigwarda talba ghall-hlas ta’ dannii kagunati mill-konvenut fil-propjeta’ tal-atturi meta huwa kien qed jesegwixxi xi xoghlijiet fil-fond propjeta’ tieghu u ghal-liema danni huwa gie dikjarat responsabbli mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmija

sentenza. Minn ezami ta’ din is-sentenza jidher li l-atturi kienu talbu l-Qorti sabiex tkkundanna lill-konvenut ihallashom dak l-ammont li jigi likwidat minnha bhala appogg, sabiex tiddikjara li x-xoghol intrapriz mill-konvenut fil-propjeta’ tieghu ma sarx skond is-sengha u l-arti u kien in vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom u sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex jaghmel dak ix-xoghol kollu mehtieg sabiex jitnehha kull inkonvenjent u dannu li kien qed jigi kkawzat lill-propjeta’ tal-attturi u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss u in difett tawtorizza lill-atturi jaghmlu l-istess xoghlijiet a spejjes tal-konvenut. Il-Prim’Awla fis-sentenz atal-11 ta’ Lulju 2001 fil-fatt laqghet it-talbieet attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta’ appogg minnha likwidat, iddikjarat li x-xoghol intrapriz mill-konvenut ma sarx skond is-sengha u l-arti u kkundannat lill-konvenut jaghmel ix-xoghol kollu mehtieg kif indikat fir-rapport perritali sabiex jitnehha kull inkonvenjent u dannu li kien qed jigi kkawzat lill-propjeta’ tal-atturi u dan fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza,u fin-nuqqas awtorizzat lill-atturi jaghmlu x-xoghlijiet huma a spejjes tal-konvenut. Il-qorti ordnat li x-xoghol isir taht is-supervizjoni tal-AIC Rene’ Buttigieg. Jidher ghalhekk li l-Qorti ma llikwidatx il-quantum tad-danni kawzati lill-propjeta’ tal-atturi u dan ghaliex ma kienx hemm talba f’dan is-sens. Kull ma gie deciz fil-Prim’Aawla kien li l-konvenut kien responsabbli ghall-hsarat kagunati fil-propjeta’ tal-atturi u li huwa kellu jaghmel dawk ix-xoghlijiet rimedjali sabiex jitnehha d-dannu u l-inkonvenjent. Kif diga’ spjegat, l-azzjoni attrici tirrigwarda l-kundanna ghall-hlas tal-konvenut tad-danni kkaawzati minnu lil-propjeta’ tal-atturi liema kwistjoni ma gieetx deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Ma jistghax ghalhekk jinghad li din il-kwistjoni diga’ giet determinata u finalment deciza minn qorti ohra kif qed jikkontendi l-konvenut fil-kawza odjerna. Irid inoltre jigi rilevat li fil-kawza deciza ill-Prim’Awla tal-Qorti Civili l-atturi kienu rriservaw id-dritt ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lilhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut bl-ispejjes kontra tieghu.

---------------------------------TMIEM---------------------------------